# Sillabu Storja Ġenerali

# Għad-Disa' Sena

# (2018-2021)

Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

# Daħla - Is-Sillabi tal-Istorja Ġenerali

## 1. Għanijiet Ġenerali

L-għanijiet ewlenin li għandhom jiggwidaw t-tħaddim ta' dan is-sillabu huma li l-istudenti:

- Ikunu konxji ta' x'inhi l-istorja u x'inhu l-iskop wara t-tagħlim ta' dan is-suġġett;
- Isiru konxji li l-istorja hi bbażata fuq tipi differenti ta' evidenza bħal fdalijiet arkeoloġiċi, dokumenti, manuskritti, mapep, ittri eċċ.
- Isiru iżjed konxji mill-wirt storiku f'pajjiżna biex b'hekk japprezzaw iżjed il-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr;
- Janalizzaw dak li seħħ fl-imgħoddi, biex jifhmu l-implikazzjonijiet tal-preżent u jiffurmaw aspirazzjonijiet għall-ġejjieni;
- Jiksbu ħiliet partikolari marbutin mat-tagħlim tal-istorja, bħal ġbir ta' informazzjoni minn sorsi u l-interpretazzjoni tagħhom, janalizzaw it-tibdil u l-kontinwità matul iż-żminijiet u l-kawżi u l-effetti ta' ġrajjiet fl-istorja, josservaw u jaslu għall-konklużjonijiet, jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu fi żmien partikolari fl-imgħoddi (empatija) u jiżviluppaw ideja ċara ta' kronoloġija u sekwenza fl-istorja;
- Jitgħallmu sa fejn hu possibbli permezz ta' esperjenza diretta fi żjarat f'siti storiċi biex b'hekk it-tagħlim ikun iżjed stimulanti u jibqgħu jiftakru aktar;
- Isiru konxji li t-tagħlim tal-istorja mhuwiex biss tagħlim akkademiku, iżda mezz biex l-istudenti jwessgħu l-kultura tagħhom;
- Jagħrfu li bħalma s-soċjetà inbidlet matul iż-żminijiet u għadha tinbidel, huma għandhom jakkwistaw it-tħejjija meħtieġa biex jaddattaw ruħhom għall-bidliet tal-ġejjieni;
- Jistudjaw l-istorja ta' Malta f'kuntest iżjed wiesgħa li jinkludi l-isfond Mediterranju u Ewropew.

## 2. Kunċetti u Ħiliet li għandhom ikunu żviluppati

- **Iż-Żmien u l-Kronoloġija.** L-istudenti għandhom iqiegħdu l-ġrajjiet storiċi fil-perspettiva taż-żmien. Għalhekk għandhom jikkalkolaw kemm damu diversi ġrajjiet u jikkonsidraw is-sekwenza tagħhom. B'hekk jifhmu aħjar xi jfissru d-dati u jkollhom stampa iżjed ċara ta' kif żvolġew il-ġrajjiet.
- **Bidla u Kontinwità.** L-istudenti għandhom jifhmu t-tibdiliet li għadda minnhom il-bniedem matul iż-żmien. Billi jifhmu l-aspetti varji ta' differenza u similitarità li għadda minnhom il-bniedem fil-ġrajjiet u f'dak kollu li rnexxielu joħloq.
- **Kawżi u Konsegwenzi.** L-istorja hi ġrajjiet il-bniedem. Għalhekk l-istudenti għandhom jifhmu sewwa x'kienu l-kawżi jew il-motivi għala l-ġrajjiet seħħew u x'kienu l-effetti immedjati u mbiegħda tagħhom. B'hekk ikunu jistgħu janalizzaw u jevalwaw aħjar it-tagħrif li jkunu qegħdin jieħdu.
- **Empatija.** Meta jempatizzaw, l-istudenti jkunu qegħdin jaħsbu bil-moħħ ta' persuna li kienet tgħix fil-passat. F'eżerċizzju bħal dan l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jifhmu iżjed l-istorja. B'hekk jifhmu aħjar kemm ir-reazzjonijiet u l-attitudnijiet tal-bnedmin li kienu jgħixu fi żminijiet differenti u jqabbluhom ma' dawk tal-preżent.

- **L-użu tas-sorsi.** L-użu tas-sorsi primarji u sekondarji għandu jagħmel it-tagħlim tal-istorja iżjed motivat u effettiv. L-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet billi jippruvaw jinferixxu jew jipotizzaw x'dawl jagħtu s-sorsi fuq il-ħajja fl-imgħoddi. L-istudenti jippruvaw jisiltu fatti, opinjonijiet, konklużjonijiet u ġeneralizzazzjonijiet mis-sorsi minnflok jingħataw biss it-tagħrif meħtieġ.

## 3. It-Tħaddim ta' dan is-sillabu

Għalhekk matul it-tħaddim ta' dan is-sillabu, għandha tingħata importanza kontinwa:

- Lill-kunċetti storiċi u l-ħiliet li għandhom ikunu żviluppati fl-istudenti;
- Li t-temi mill-istorja ta' Malta jsiru fl-isfond iżjed wiesgħa li jinkludi dak Mediterranju u Ewropew;
- Li l-użu tas-sorsi li jagħmlu t-tagħlim iżjed relevanti u interessanti;
- Għall-apprezzament ikbar mill-istudenti tal-importanza tas-siti storiċi u l-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr.

## 4. Strateġiji ta' tagħlim

L-għalliema għandhom jippreżentaw il-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qed jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti, jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

- It-Tagħrif (*Recall of Knowledge)*
- Il-Fehma (*Understanding of Knowledge)*
- Il-Ħiliet, l-Attitudnijiet u l-Kompetenzi (Skills, Attitudes, Competences)

Biex dawn l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu, l-għalliema jistgħu jużaw metodoloġija differenti bħal: diskussjoni fil-klassi, *role plays* u drama, *brainstorming,* materjal awdjo-viżiv, intervisti, logħob u dokumenti simulati, kitba ta' rapporti, xogħol ta' arti u *craft*, mudelli, proġetti u żjarat edukattivi. Id-diskussjoni fil-klassi jew fi gruppi għandha tingħata l-importanza li jixirqilha. B'hekk, din tkun qed tgħin biex permezz tal-istorja, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet trasferibbli meħtieġa fit-tagħlim tul il-ħajja.

Ix-xogħol li għandu jingħata lill-istudenti għandu jkun stimulanti u interessanti u jinkludi xogħol ta' riċerka ħafifa minn sorsi sekondarji dwar xi tema marbuta mas-sillabu. Varjetà ta' sorsi bħal illustrazzjonijiet, stampi, ritratti, mapep, *posters*, *charts*, *time-lines,* u tabelli oħra jistgħu jintużaw b'mod stampat jew diġitali permezz tal-IWB. Dan iżid il-possibilità għall-għalliema biex jaddottaw sistema ta' assessjar formattiv.

## 5. Objettivi għall-assessjar

l-assessjar għandu jevalwa kemm l-istudenti kapaċi:

- Jesprimu fatti storiċi b'forma narrattiva u kreattivi;
- Jagħtu tagħrif bażiku fuq l-istorja u jiżviluppaw kunċetti u ħiliet marbuta magħha;
- Iħarsu lejn il-ġrajjiet minn għajnejn ta' nies li għexu fil-passat (empatija u perspettiva storika);
- Jwieġbu mistoqsijiet marbuta ma' sorsi b'mod konċiż, dirett u relevanti.

# STORJA ĠENERALI għad-Disa’ Sena - Is-Sillabu fil-Qosor (2018-2021)

Lezzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| | **9.1 Malta tgħaddi taħt it-tmexxija tal-Ordni ta’ San Ġwann** | 4 lezzjonijiet |
| 9.1.1 | Il-Kavallieri fil-Birgu u tħejjija għall-Assedju tal-1565 | 2 |
| 9.1.2 | L-Assedju tal-1565: analiżi tal-kawżi u l-konsegwenzi | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| | **9.2 Il-Belt Valletta** | 5 lezzjonijiet |
| 9.2.1 | Kif inbniet il-Belt Valletta | 2 |
| 9.2.2 | Bini importanti fil-Belt Valletta u l-iżvilupp ta’ din il-belt matul iż-żmien ta’ wara | 3 |

| | | |
|---|---|---|
| | **9.3 Wirt il-Kavallieri** | 6 lezzjonijiet |
| 9.3.1 | Wirt il-Kavallieri fl-ibliet, ir-restawr u l-użu tiegħu llum | 1 |
| 9.3.2 | Id-difiża fi Żmien il-Kavallieri | 3 |
| 9.3.3 | L-arti u l-arkitettura Barokka fil-Belt Valletta u fl-Imdina | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| | **9.4 Il-ħajja tal-Maltin fl-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex** | 6 lezzjonijiet |
| 9.4.1 | L-importanza storika tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella t’Għawdex | 1 |
| 9.4.2 | Il-karatteristiċi tal-raħal u tal-pajżaġġ tradizzjonali Malti | 2 |
| 9.4.3 | Xogħlijiet, impiegi u l-ħajja tal-Maltin fi Żmien l-Ordni | 3 |

| | | |
|---|---|---|
| | **9.5 Tmiem il-ħakma tal-Ordni u l-okkupazzjoni ta’ Malta mill-Franċiżi** | 6 lezzjonijiet |
| 9.5.1 | Il-konsegwenzi tar-Rivoluzzjoni Franċiża fuq l-Ordni | 2 |
| 9.5.2 | Il-miġja tal-Franċiżi u r-riformi li Napuljun ipprova jwettaq | 2 |
| 9.5.3 | L-irvell tal-Maltin, l-imblokk u t-tkeċċija tal-Franċiżi | 2 |

Total tal-Lezzjonijiet 27

# 9.1 Malta tgħaddi taħt it-tmexxija tal-Ordni ta’ San Ġwann

<table>
<tr><th colspan="3">9.1.1 Il-Kavallieri fil-Birgu u tħejjija għall-Assedju tal-1565</th></tr>
<tr><th>Miri ta’ Tagħlim</th><th>Noti</th><th>Riżultati fil-Mira</th></tr>
<tr>
<td>L-għalliema għandhom jgħinu l-istudenti jifhmu:<ul><li>X’għamlu l-Kavallieri fil-Birgu fl-ewwel snin tagħhom f’Malta.</li><li>Kif il-Kavallieri ħejjew ruħhom għall-Assedju tal-1565.</li></ul>2 lezzjonijiet</td>
<td>Il-punti prinċipali huma:<ul><li>Għaliex il-Kavallieri marru joqogħdu l-Birgu;</li><li>Żvilupp li sar mill-Kavallieri fil-Birgu – eż. il-bini ta’sptar, tarzna, il-bereġ, il-Kastellimar sar il-kwartier-ġenerali tal-Gran Mastru;</li><li>l-attakk ta’ Dragut tal-1551 fuq l-Imdina, f’Għawdex u fil-Kastell ta’ Tripli;</li><li>il-qagħda tal-Maltin fl-ewwel snin ftit li xejn inbidlet;</li><li>it-tmexxija awtokratika tal-Gran Mastri (referenza għal każ ta’ Mattew Callus fl-1560).</li><li>It-tisħiħ ta’ Sant’Anġlu; il-bini tal-Isla, Forti San Mikiel u Forti Sant’Jiermu;</li><li>Ġeddew id-Dejma u ħarġu l-irġiel Maltin għat-taqbid, il-Kavallieri fl-Ewropa ssejħu lura Malta, saret talba lis-slaten Ewropej u lill-Papa għall-għajnuna; tfal, xjuħ u morda ttieħdu Sqallija.</li></ul></td>
<td>L-istudenti għandhom:<ul><li>Jifhmu kif kienu l-ewwel snin tat-tmexxija tal-Ordni fil-Birgu.</li><li>Ikollhom tagħrif dwar il-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu f’Malta qabel l-Assedju tal-1565.</li></ul></td>
</tr>
</table>

| 9.1.2 Assedju tal-1565: analiżi tal-kawżi u l-konsegwenzi | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom jgħinu l-istudenti jifhmu:<br>• Għaliex it-Torok ħabtu għall-Malta fl-Assedju tal-1565;<br>• X'kienu l-ġrajjiet ewlenin matul l-Assedju;<br>• X'diffikultajiet kellhom il-Kavallieri u t-Torok matul l-Assedju;<br>• X'wassal biex il-Kavallieri rebħu u t-Torok tilfu l-Assedju;<br>• X'kienu l-konsegwenzi tar-rebħa tal-Assedju fuq l-Ordni u fuq Malta.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-qagħda strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran;<br>• it-taqbida dejjiema bejn is-Salib u n-Nofs Qamar;<br>• il-ħbit tal-Kavallieri fuq ix-xwieni tat-Torok;<br><br>Referenza għal xi ġrajjiet ewlenin tal-Assedju:<br>• il-wasla tal-flotta Torka<br>• il-waqgħa ta' Sant'Jiermu u l-mewt ta' Dragut;<br>• il-ħbit kontinwu fuq il-Birgu u l-Isla;<br>• il-wasla tal-*Gran Soccorso* minn Sqallija u t-tmiem tal-Assedju.<br><br>Id-diffikultajiet ewlenin kienu:<br>• it-Tork kellhom iżjed suldati mill-Kavallieri;<br>• il-Kavallieri u l-Maltin kienu magħluqa ġewwa s-swar u armati u mħejjija tajjeb;<br>• it-Torok riedu jirbħu lil Malta qabel jgħaddi s-sajf jew tasal l-għajnuna lill-Ordni mis-slaten Insara;<br>• it-Torok riedu jġibu l-ikel u l-ilma bix-xwieni mill-Afrika;<br>• nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok;<br>• il-blat iebes ma ħalliex it-Torok iħaffru mini taħt is-swar;<br>• it-Torok riedu bilfors jixxabbtu mas-swar;<br><br>Il-punti prinċipali huma:<br>• Malta ħarġet bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawha;<br>• prinċpijiet Insara fehmu l-importanza ta' Malta u għenu lill-Ordni fil-bini tal-Belt Valletta;<br>• il-Kavallieri bdew jissejħu l-Kavallieri ta' Malta;<br>• il-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu Malta u jibnu belt ġdida;<br>• ġie ħafna ġid u kummerċ lejn Malta u din qabdet it-triq tal-progress.<br>• il-fortifikazzjonijiet reġgħu nbnew u żdiedu oħrajn biex għamlu lil Malta waħda mill-aktar gżejjer iffortifikati fil-Mediterran. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu għaliex it-Torok Ottomani ħabtu għal Malta;<br>• jkunu jafu l-ġrajjiet ewlenin tal-Assedju;<br>• jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom iż-żewġ naħat;<br>• jifhmu x'kienu l-konsegwenzi tal-rebħa tal-Assedju għall-Ordni u għal Malta. |

# 9.2 Il-Belt Valletta

| 9.2.1 Kif inbniet il-Belt Valletta | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom jgħinu l-istudenti jifhmu:<br>• ir-raġunijiet għala nbniet il-Belt;<br>• kif sar dan ix-xogħol<br>• l-arkitettura ta' din il-belt.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Il-punti prinċipali huma:<br>• Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq iddur madwarha);<br>• is-swar;<br>• it-toroq u l-pjazez<br>• l-għajnuna li ngħatat lill-Ordni;<br>• Laparelli jfassal il-pjanta tal-belt Valletta;<br>• l-għażla tal-isem għal din il-belt;<br>• il-ħaddiema li nġabu biex ix-xogħol isir malajr;<br>• l-ebda parti ma bniet għall-kavallieri biss *(Collachio);*<br>• il-qtugħ tal-ġebel mill-Mandraġġ;<br>• l-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571;<br>• Il-kontribut ta' Glormu Cassar.<br><br>Raġunijiet politiċi, ġeografiċi u militari għala nbniet il-Belt:<br>• il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir;<br>• il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok;<br>• il-pożizzjoni strateġika tal-Għolja Xiberras bħala peniżola fil-għoli li kienet tħares fuq il-portijiet. | L-istudenti għandhom:<br>• ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm fil-Belt;<br>• jifhmu l-kunċett ta' bidla u kontinwità li jidher f'din il-belt fil-bini li għadu jeżisti sallum;<br>• jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt. |

| 9.2.2 Bini importanti fil-Belt Valletta u l-iżvilupp ta' din il-belt matul iż-żmien ta' wara | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom:<br>• jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum;<br>• jgħinu l-istudenti japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt.<br>• jispjegaw s-sehem li tat din il-belt matul iż-żmien;<br>• ikattru l-apprezzament tal-istudenti għal din il-belt.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Binjiet importanti u l-bidliet li saru fl-użu tagħhom:<br>• Il-Palazz tal-Gran Mastru;<br>• Il-Bereġ ta' Kastilja;<br>• Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann;<br>• Is-Sagra Infermerija;<br>• it-Teatru Manoel.<br>• l-Akwadott ta' Wignacourt - il-qagħda tal-Belt Valletta qabel ma nbena, l-importanza ta' dan il-proġett.<br><br>Is-sbuħija tal-Belt Valletta - punti prinċipali:<br>• regoli biex tinżamm is-sbuħija tal-belt - eż.lavur fil-ġebla fil-kantunieri;<br>• bini ieħor sebbaħ il-Belt. eż. knejjes, funtani, ġonna u monumenti, djar privati.<br>• spinta lill-kultura - eż. il-bini tat-teatru;<br>• il-bini tad-djar privati.<br><br>Il-Belt illum bħala ċentru amministrattiv, kummerċjali u kulturali:<br>• Belt kapitali li minnha titmexxa Malta;<br>• amministrattiv - eż. Parlament, ministeri, dipartimenti u uffiċini;<br>• kummerċjali - eż. stabbilimenti kbar, ħwienet, swieq, pixkerija, ċentru tat-trasport għal tal-linja, *boutique* hotels;<br>• kulturali - eż. teatru, mużewijiet, eċċ.<br>• ċentru turistiku. | L-istudenti għandhom:<br>• ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt;<br>• ikunu jafu dwar xi bini mibni mill-Kavallieri u kif qiegħed jintuża llum;<br>• jifhmu l-kunċett ta' bidla u kontinwità li jidher f'din il-belt fil-bini li għadu jeżisti sallum;<br>• jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt.<br>• jifhmu s-sehem li tat il-belt kapitali ta' Malta matul is-sekli. |

# 9.3 Wirt il-Kavallieri

| 9.3.1 Wirt tal-Kavallieri fl-ibliet, ir-restawr u l-użu tiegħu llum | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom:<br>• jagħmlu l-istudenti konxji mill-fdal l-aktar importanti tal-bini fl-ibliet taż-żmien il-Kavallieri.<br>• L-għalliema għandhom: jispjegaw x'użu qiegħed isir minn dawn il-postijiet illum u janalizzaw kif dan il-wirt qiegħed jiġi mħares.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Il-wirt prinċipali fl-ibliet differenti:<br>• il-ħtieġa li l-Belt Valletta tkun irrestawrata bħala 'Wirt Dinja' tal-UNESCO u Valletta18.<br>• il-Kottonera (il-Bereġ fil-Birgu);<br>• l-Imdina;<br>• il-Palazzi Verdala u l-Palazz ta' San Anton.<br>Il-punti prinċipali huma:<br>• il-preservazzjoni ta' dan il-bini;<br>• is-sehem tal-Kunsilli Lokali u għaqdiet non-governattivi;<br>• l-importanza tar-restawr għall-industrija tat-turiżmu. | L-istudenti għandhom:<br>• ikunu konxji mill-fdal l-aktar importanti tal-bini fl-ibliet taż-Żmien il-Kavallieri.<br>• Ikunu kapaċi jiddiskutu x'użu qiegħed isir minn dawn il-postijiet illum u jekk jistax isir użu aħjar minnhom;<br>• janalizzaw kif dan il-wirt jista' jkun imħares aħjar. |

| 9.3.2 Id-difiża fi Żmien il-Kavallieri | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom: jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar:<br>• kif l-Ordni ta' San Ġwann; għamlet kull ma setgħet biex tiffortifika il-gżejjer;<br>• Il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-portijiet, madwar il-kosta u f'Għawdex;<br>• kif dawn i-fortifikazzjonijiet qed ikunu restawrati.<br><br>**3 lezzjonijiet** | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-fortifikazzjonijiet ewlenin madwar il-portijiet;<br>• il-bini ta' swar difensivi – Firenzuola, Sta Margerita u l-Kottonera;<br>• il-bini ta' fortizzi - eż. Forti Manuel, Forti Ricasoli Forti Tigne;<br>• il-bini u l-użu ta' torrijiet madwar il-kosta mill-Gran Mastri Wignacourt, Lascaris u De Redin;<br>• it-tisħiħ taċ-Ċittadella f'Għawdex;<br>• Id-difiża tal-port tal-Imġarr permezz tal-Forti Chambray u tal-Fortizza Garzes. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu kif l-Ordni għamlet kull ma setgħet biex tiffortifika lill-Gżejjer Maltin;<br>• jifhmu għaliex l-iktar fortifikazzjonijiet b'saħħithom kienu madwar il-portijiet ewlenin.<br>• ikunu jafu dwar fortifikazzjonijiet oħra madwar il-kosta ta' Malta u f'Għawdex;<br>• jifhmu l-bidla u l-kontinwità li raw dawn il-fortifikazzjonijiet matul iż-żmien, l-użu tagħhom illum u kif qed nieħdu ħsiebhom. |

| 9.2.3 l-arti u l-arkitettura Barokka fil-Belt Valletta u fl-Imdina | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom:<br>jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar l-istil Barokk u l-opri kbar tal-arti li għandna f'pajjiżna.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Il-punti prinċipali huma:<br>• Id-dħul tal-Barokk – referenza, pittura, skultura, tiżjin fid-deheb u l-fidda;<br>• il-Kon-Katidral ta' San Ġwann u l-opri tal-arti li nsibu fiha eż. l-Oratorju, is-saqaf, l-artar maġġur, il-presbiterju, il-Kor, l-arazzi ta' Perellos;<br>• l-arti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann: Caravaġġio: *il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista*, *San Ġlormu*, i*l-Maddalena*; Mattia Preti: *It-Trinità Mqaddsa* fis-saqaf tar-Kor, *il-Kobor tal-Glorja tal-Ordni* fis-saqaf tal-istess knisja.<br><br>Il-punti prinċipali huma:<br>• i-terremot tal-1693, il-bini tal-Katidral minn Lorenzo Gafà u r-restawr tal-Imdina minn Mondion fi żmien Vilhena;<br>• Mondion jibdel wiċċ l-Imdina bl-użu tal-Barokk – eż. il-Bieb tal-Imdina, il-Palazz Maġisterjali, il-*Banca Giuratali,* eċċ. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu sewwa l-istil Barokk u jkunu kapaċi jsemmu eżempji ta' bini mibni b'dan l-istil;<br>• ikunu jafu dwar l-opri l-kbar tal-arti li għandna ta' Żmien il-Kavallieri. ikunu kapaċi jaraw bidla u kontinwità fir-restawr li sar fl-Imdina wara t-terremot tal-1693. |

# 9.4 Il-ħajja tal-Maltin u l-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex

| 9.4.1 L-importanza storika tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom jagħmlu l-istudenti konxji mill-importanza storika tal-ibliet il-qodma ta' Malta u Għawdex.<br><br>**Lezzjoni waħda** | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-pożizzjoni strateġika tagħhom - eż. l-Imdina u ċ-Ċittadella fiċ-ċentru u mibnija fuq għolja; il-Birgu mibni fuq peniżola li tagħti fuq il-Port il-Kbir:<br>• l-importanza tad-difiża li offrew matul iż-żminijiet – eż. il-ħbit mill-furbani, l-Assedju l-Kbir;<br>• ċentri residenzjali, kummerċjali u amministrattivi fl-antik - eż. l-Università, min-nobbli sa nies komuni kienu jgħixu hemmhekk;<br>• l-għadd tan-nies naqas ħafna fl-Imdina u l-inċentivi minn Vilhena biex iħajru l-poplu biex imur jgħix fl-Imdina. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu l-pożizzjoni strateġika tal-Imdina il-Birgu u ċ-Ċittadella f'Għawdex;<br>• jifhmu l-importanza storika u l-kontribut matul iż-żmien ta' dawn l-ibliet. |

| 9.4.2 Il-karatteristiċi tal-raħal u tal-pajżaġġ tradizzjonali Malti | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom:<br>• jipprovdu lill-istudenti b'tagħrif dwar il-karatteristiċi ewlenin tar-raħal Malti.<br>• jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar il-karatteristiċi prinċipali fl-irħula u l-importanza tagħhom fl-imgħoddi.<br><br>**Lezzjoni waħda** | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-qalba tar-raħal – il-misraħ u l-Knisja Parrokkjali;<br>• toroq u sqaqien dojoq u mserrpin;<br>• it-tqassim tad-djar tradizzjonali u tal-kappelli;<br>• djar ġodda fil-periferija tar-raħal;<br>• tqabbil u kuntrast mal-ibliet qodma;<br>• problemi tal-lum - eż. preservazzjoni, traffiku, djar qodma u mitluqa, eċċ.<br>• niċeċ u statwi fit-toroq. Xhieda tad-devozzjoni tal-Maltin għat-twemmin Nisrani. Mibnija f'kantunieri wara ġeneralment li wieħed ikun qala' xi grazzja. Kienu jinxtegħlu b'xema' sabiex t-triq ma tibqax imdallma bil-lejl;<br>• is-Slaleb tad-Dejma fejn x'aktarx kienu jinġabru l-għassiesa tad-Dejma biex jirċievu l-ordnijiet;<br>• kappelli żgħar - xhieda tat-twemmin Nisrani tal-Maltin. Xi wħud minnhom *ex voto*;<br>• l-Għajn tal-Ħasselin - post fejn fl-imgħoddi n-nisa kienu jaħslu l-ħwejjeġ. Forom differenti - eż. fl-Imsida u l-Fontana (Għawdex). | L-istudenti għandhom:<br>• jagħrfu l-karatteristiċi ewlenin tar-raħal antik Malti;<br>• jagħrfu l-kuntrast bejn l-ibliet u l-irħula qodma ta' pajjiżna;<br>• jifhmu l-bidla u l-kontinwità li raw dawn l-irħula antiki;<br>• jagħrfu x'kienet l-importanza fl-imgħoddi tan-niċeċ, statwi, is-Salib tad-Dejma, il-kappelli u l-Għajn tal-Ħasselin;<br>• jagħrfu l-bidla u l-kontinwità li raw Dawn il-karatteristiċi. |

<table>
<tr><th colspan="3">9.4.3 Xogħlijiet, impiegi u l-ħajja tal-Maltin fi Żmien l-Ordni</th></tr>
<tr><th>Miri ta’ Tagħlim</th><th>Noti</th><th>Riżultati fil-Mira</th></tr>
<tr><td>L-għalliema għandhom jagħtu tagħrif fuq u jfissru:<br>• l-importanza tal-Ordni ta’ San Ġwann bħala qawwa fuq il-baħar<br>• ix-xogħlijiet differenti li kienu jagħmlu l-Maltin.<br><br>L-għalliema għandhom jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar:<br>• il-qagħda soċjali matul it-tmexxija tal-Ordni;<br>• l-importanza li l-Ordni kienet tagħti lis-servizzi tas-saħħa.<br>• il-bidu tal-edukazzjoni f’Malta;<br>• l-influenza tal-Knisja u tal-Inkwiżizzjoni.<br><br>3 lezzjonijiet</td><td>Il-punti prinċipali huma:<br>• l-importanza u l-użu tal-flotta tal-Ordni;<br>• l-ekonomija tiddependi fuq l-Ordni;<br>• ix-xogħol li kellu x’jaqsam max-xwieni - eż. sibi, qaddiefa, ġellieda fuq il-baħar, buonavoglie (qaddiefa volontarja), kaptani, tobba, qlafat, kurdara, mastrudaxxi, ħaddieda, ħaddiema tal-qlugħ eċċ;<br>• xogħlijiet oħra - eż. biedja, sajd, xogħol fl-isptarijiet, bennejja, bejjiegħa tal-ilma, ħaddiema fi ħwienet żgħar tal-ħaxix u tax-xorb, eċċ;<br><br>Il-punti prinċipali huma:<br>• qagħda soċjali: taxxi għad-difiża tal-gżira, telf ta’ qraba u jasar minħabba s-sibi; il-qagħda tal-mara fis-soċjetà;<br>• l-isptar ewlieni: Santu Spirtu;<br>• referenza ħafifa għall-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, it-twaqqif tal-Università minn Pinto;<br>• l-influwenza tal-Knisja Kattolika u tal-Inkwiżizzjoni fost il-Maltin (is-superstizzjonijiet, t-tagħlim qarrieq, il-xogħol tal-Inkwiżitur; pieni mogħtija mill-Inkwiżitur).</td><td>L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu l-importanza tal-Ordni bħala qawwa fuq il-baħar u xogħlijiet differenti li kienu jagħmlu l-Maltin mal-flotta tal-Ordni u fl-industrija tas-sibi;<br>• jempatizzaw mad-diffikultajiet tal-ħaddiema f’dak iż-żmien;<br><br>L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu l-qagħda soċjali tal-Maltin, l-importanza li kienet tagħti l-Ordni lis-servizzi tas-saħħa, il-bidu tal-tagħlim f’Malta u l-influwenza tal-Knisja Kattolika fuq il-Maltin;<br>• ikunu kapaċi jempatizzaw mal-kondizzjonijiet soċjali tal-Maltin f’dak iż-żmien;<br>• ikunu jafu għala twaqqfet l-Inkwiżizzjoni f’Malta, x’kien ix-xogħol tagħha u kif affettwat lill-Maltin.</td></tr>
</table>

# 9.5 Tmiem tal-ħakma tal-Ordni u l-okkupazzjoni ta' Malta mill-Franċiżi

| 9.5.1 Il-konsegwenzi tar-Rivoluzzjoni Franċiża fuq l-Ordni | | |
|---|---|---|
| **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** | **Riżultati fil-Mira** |
| L-għalliema għandhom jispjegaw lill-istudenti fil-qosor ħafna:<br>• x'kienet ir-Rivoluzzjoni Franċiża;<br>• kif Napuljun sar magħruf permezz ta' din ir-Rivoluzzjoni. | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-poplu Franċiż ħa l-poter minn idejn ir-re;<br>• il-poplu bidel lil Franza minn monarkija għal repubblika;<br>• ir-re inqatel permezz tal-giljottina;<br>• il-Franċiżi ddikjaraw gwerra kontra s-slaten Ewropej biex jiddefendu r-Rivoluzzjoni f'pajjiżhom.<br>Il-punti prinċipali huma:<br>• Napuljun beda l-karriera militari bħala fizzjal tal-artillerija fi żmien ir-Rivoluzzjoni;<br>• il-ħila li wera wasslet biex inħatar Ġeneral u hemmhekk bdew sensiela ta' rebħiet tant li sar magħruf fl-Ewropa wkoll. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu għaliex ir-Rivoluzzjoni Franċiża kienet avveniment importanti fl-istorja ta' Franza u tal-Ewropa;<br>• jifhmu kif Napuljun sar magħruf permezz ta' din ir-Rivoluzzjoni. |
| L-għalliema għandhom jagħmlu lill-istudenti konxji li l-Ordni ta' San Ġwann kienet tilfet ħafna mill-popolarità hawn Malta u kienet qegħda tiffaċċja problemi kbar.<br><br>**2 lezzjonijiet** | Issir referenza għal xi wħud minn dawn ir-raġunijiet:<br>• l-Ordni kienet tilfet ir-rwol prinċipali tagħha bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu kontra t-Torok Ottomani;<br>• intilef il-ġid materjali li kien iġib miegħu s-sibi;<br>• il-finanzi tal-Ordni kienu fi stat ħażin ħafna minħabba l-konfiska tal-artijiet fi Franza bir-Rivoluzzjoni tal-1789;<br>• in-nuqqas ta' popolarità mal-Maltin minħabba t-tmexxija awtokratika, in-nobbli Maltin ma setgħux isiru kavallieri,<br>• kien hemm interess tal-Qawwiet Ewropej f'Malta;<br>• xi Kavallieri Franċiżi nħakmu mis-sentimenti patrijottika tar-Rivoluzzjoni u kienu qed iħejju t-triq għall-wasla ta' Napuljun. | L-istudenti għandhom jifhmu li:<br>• l-Ordni kienet tilfet ħafna mir-rispett barra minn Malta;<br>• naqset ħafna mill-popolarità tagħha hawn Malta;<br>• kienet qegħda tiffaċċja problemi finanzjarji kbar;<br>• ma kinitx magħquda bħal qabel. |

<table>
<tr><th colspan="3">9.5.2 Il-miġja tal-Franċiżi u r-riformi pprova jwettaq Napuljun</th></tr>
<tr><th>Miri ta' Tagħlim</th><th>Noti</th><th>Riżultati fil-Mira</th></tr>
<tr><td>L-għalliema għandhom jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar:<br>• kif il-Franċiżi ħadu l-Gżejjer Maltin;<br>• it-tibdil prinċipali li ġabet magħha l-miġja ta' Napuljun;<br>• ir-riformi li pprova jwettaq.<br><br>2 lezzjonijiet</td><td>Il-punti prinċipali dwar il-wasla tal-Franċiżi:<br>• il-wasla ta' Napuljun bil-flotta tiegħu;<br>• it-talba tiegħu għall-ilma;<br>• l-invażjoni ta' Malta mill-Franċiżi;<br>• l-oppożizzjoni fqira tal-Ordni;<br>• il-kapitulazzjoni tal-Ordni.<br><br>Il-punti prinċipali dwar ir-riformi ta' Napuljun:<br>• il-Kummissjoni tal-Gvern;<br>• Malti nqasmet fi tnax-il muniċipalità;<br>• il-ġid tal-Ordni sar propjetà tar-Repubblika Franċiża;<br>• l-ordnijiet ta' Napuljun favur it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-Maltin;<br>• l-ordnijiet tiegħu dwar l-Inkwiżizzjoni, il-Knisja u l-qassisin;<br>• ordnijiet oħra ġenerali - eż. l-ilbies tal-kukkarda Franċiża, tmiem tal-jasar u l-bonavolji;<br>• taxxi ġodda.</td><td>L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu kif Napuljun ħa f'idejh il-Gżejjer Maltin;<br>• jifhmu għaliex l-oppożizzjoni tal-Ordni kienet fqira.<br>• jifhmu l-istrutturi ġodda li nħolqu f'Malta bil-miġja tal-Franċiżi;<br>• jifhmu l-inizzjattivi ġodda dwar l-edukazzjoni;<br>• jifhmu l-aġir tal-Franċiżi lejn il-Knisja f'Malta u lejn il-Maltin.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><th colspan="3">9.5.3 L-irvell tal-Maltin, l-imblokk u t-tkeċċija tal-Franċiżi</th></tr>
<tr><th>Miri ta' Tagħlim</th><th>Noti</th><th>Riżultati fil-Mira</th></tr>
<tr><td>L-għalliema għandhom jispjegaw u jagħtu tagħrif dwar:<br>• għala l-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi;<br>• x'ġara matul dak iż-żmien ta' taqlib;<br>• kif il-Franċiżi tkeċċew minn Malta.<br><br>2 lezzjonijiet</td><td>Il-punti prinċipali huma:<br>• raġunijiet għal dan l-irvell;<br>• l-imblokk;<br>• il-mexxejja Maltin;<br>• l-għajnuna minn barra;<br>• il-Franċiżi jċedu f'Għawdex;<br>• il-ħajja fl-ibliet u fl-irħula;<br>• il-konfoffa ta' Dun Mikiel Xerri;<br>• il-kapitulazzjoni u l-ftehim bejn l-Ingliżi u l-Franċiżi.</td><td>L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu u jkunu jafu r-raġunijiet għala l-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi;<br>• jkunu jafu x'ġara matul l-irvell tal-Maltin u matul l-imblokk;<br>• jifhmu u jempatizzaw ma' kif kienet il-ħajja tal-Maltin fl-ibliet u fl-irħula;<br>• ikunu jafu kif saret il-kapitulazzjoni tal-Franċiżi u l-ftehim tagħhom mal-Ingliżi.</td></tr>
</table>

©Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta’ Tagħlim u Assessjar (2018)